MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' April, 2010

Appell Civili Numru. 18/2009

**Dr. Frank Portelli.**

**vs.**

**Kunsill Mediku.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Dr. Frank Portelli (ID 748347 (M)) datat 16 ta’ Lulju 2009 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi fil-21 ta' Lulju 2003 it-tabib Louis Buhagiar ressaq ilment quddiem il-Kunsill Mediku fejn ilmenta illi l-appellant Frank Portelli, bhala Direttur u CEO fl-Isptar St Philips, kien bghatlu ittra ftit jiem qabel fejn issospendih b'effett immedjat fuq bazi ta' *'repeated complaints about the professional fees you charge to patients'* u nfurmah li kien qed jibghat kopja tal-ittra lill-Assocjazzjoni Medika ta'

Malta u lill-istaff koncernat tal-isptar St Philip’s. Dr. Buhagiar ilmenta illi *‘mit-ton u l-kontenut’* tal-ittra tal-appellant *‘l-iskop ahhari tal-istess ittra huwa sabiex lill-mittenti [Dottor Buhagiar] jitnaqqaslu l-gieh u l-unur tieghu fil-kamp mediku bil-konsegwenza li ma jigix riferut lilu aktar xoghol.’* Fl-ittra tieghu Dr. Buhagiar cahad l-akkuzi kontra tieghu u sostna li l-appellant abbuza mill-pozizzjoni tieghu ta’ CEO.

Illi fis-6 ta' Ottubru 2003 il-Kunsill Mediku rcieva ittra ohra li permezz taghha Dr. Buhagiar talab lill-Kunsill Mediku jinvestiga l-fatt li bhala wiehed mill-azzjonisti tal-isptar St Philip's, bhala CEO u bhala wiehed mill-ispecjalisti fl-istess sptar, kien hemm sitwazzjoni ta' konflitt ta' interess li tmur kontra l-etika professjonali u li kienet qed tippregudika kontrih.

Illi fit-8 ta' Gunju 2004 ir-Registratur tal-Kunsill Mediku nforma lill-appellant li Dr. Buhagiar kien ressaq ‘il fuq imsemmi ilment kontra tieghu u nghata sat-30 ta' Gunju 2004 biex jissottometti twegiba. L-appellant irrisponda b'ittra tat-18 ta' Gunju 2004 fejn iddefenda l-pozizzjoni tieghu.

Illi f’laqgha tal-15 ta' Lulju 2005 il-Kunsill Mediku ordna li tinfetah inkjesta kontra l-appellant bl-akkuza ta' *'mgieba hazina professjonali jew etika f’xi rigward, jew b'xi mod iehor inqast milli tottempora ruhek ma' standards professjonali u etici li japplikaw ghalik* ***(Art 32 (1) Kap 464)****'* u dan fuq akkuza migjuba kontra tieghu minn Dr Louis Buhagiar, cioe’:-

i. li inti ghamilt allegazzjonijiet malafamanti fil-pubbliku fil-konfront ta' Dr. Buhagiar;

ii. li l-iskop ahhari tal-ittra tas-16 ta' Lulju 2003 lil Dr Buhagiar, lill-Assocjazzjoni Medika Maltija, lil diversi membri tal-professjoni medika u tal-professjonijiet ancillari ghal dik medika, kien li lil Dr. Buhagiar jitnaqqaslu l-gieh u l-unur tieghu fil-kamp mediku bil-konsegwenza li ma jigix riferut lilu aktar xoghol, f’liema ittra inti avanzajt allegazzjonijiet infondati.

iii. li inti azzjonista u Chief Executive Officer fl-Isptar St. Philip's meta fl-istess waqt qieghed tipprattika l-professjoni medika tieghek fl-istess lokalita` u dan bi ksur tal-ispirtu tal-Kodici ta' Etika tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet Ancillari'.

Illi waqt l-ewwel seduta li saret fil-5 ta' Awwissu 2005 l-appellant iddikjara ruhu mhux hati tal-akkuzi migjuba kontrih u d-difensur legali tieghu issolleva l-eccezzjoni li l-Kunsill Mediku ma kienx organu kompetenti li jittratta kaz ta' allegat malafama. Il-President tal-Kunsill Mediku, li dakinhar kien l-ex Mhallef Dr. Victor Caruana Colombo, cahad is-sottomissjoni tad-difiza u spjega li l-Kunsill Mediku ghandu l-kompitu bil-ligi illi jinvestiga allegazzjonijiet ta' atti ta' mgieba hazina professjonali jew etika, li tinkludi wkoll il-malafama, u dan minghajr pregudizzju ghall-proceduri ohra precedenti, simultanji jew ulterjuri li jistghu jinzammu fuq l-istess kaz fil-qrati civili, kriminali jew amministrattivi, u spjega wkoll illi l-kompetenza tal-Kunsill tidhol biex tezamina jekk l-allegat malafama tikkostitwixxi ksur tal-etika.

Illi permezz ta' decizjoni tal-1 ta' Lulju 2009 il-Kunsill Mediku iddecieda billi, filwaqt li irrespinga l-akkuza ta' konflitt ta' interess, sab lill-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra tieghu, u cioe' ta' allegazzjonijiet malafamanti fil-pubbliku u li l-iskop ahhari tal-ittra tas-16 ta' Lulju 2003 lil Dr. Louis Buhagiar biex jgharrfu li kien sospiz mill-isptar, kopji ta' liema ittra gew mibghuta lill-MAM u lil membri ohra tal-professjoni medika, kien li Dr. Buhagiar jitnaqqaslu l-gieh u l-unur tieghu fil-kamp mediku bil-konsegwenza li ma jigix riferut lilu aktar xoghol, iktar u iktar meta l-allegazzjonijiet ma gewx ippruvati; u ghaldaqstant il-Kunsill Mediku ikkundanna lill-appellant ihallas il-multa ta' ghaxart elef ewro (€10,000) u f'nuqqas ta' dan fi zmien tliet xhur mid-data ta' din id-decizjoni, li ismu jitnehha mir-Registru skont paragrafu 3 tal-*Medical Council (Penalties) Regulations 2009*, *(Legal Notice 39 tal-2009).*

Illi l-appellant hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni tal-Kunsill Mediku in kwantu instab hati tal-ewwel zewg akkuzi u qieghed ghalhekk jinterponi dan l-umli appell minnha ghall-quddiem l-Qorti tal-Appell kompetenti *ai termini* tal-**artikolu 36 (4) ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Sahha (Kapitolu 464 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti ujikkonsistu f'dan li gej:-

1. Illi fl-ewwel lok l-akkuza kontra l-appellant ma ngabhitx fiz-zmien li fih tali akkuza tista' tingieb 'il quddiem kontra membru tal-professjoni kif stabbilit mill-ligi, cioe' l-**artikolu 31(2) tal-Kapitolu 464 tal-Ligijiet ta' Malta**, u dan billi l-incident ingieb 'il quddiem u a konjizzjoni tal-appellant wara gheluq is-sentejn mid-data tal-fatt li ta lok ghall-tali ilment. Ghalhekk kull azzjoni dixxiplinarja kontra l-appellant fuq il-bazi tal-allegazzjonijiet kontenuti f'din il-procedura kienet perenta u ma setghex tingieb 'il quddiem. Isegwi li l-Kunsill Mediku ma kellux gurisdizzjoni jiehu konjizzjoni tal-kaz ghaliex dan ma ngiebx quddiemu b'notifika lill-appellant fit-terminu stabbilit mill-ligi. F'dan il-kuntest jigi notat li l-kwistjoni kollha qamet minn ittra miktuba mill-appellant fis-16 ta' Lulju 2003, li ngiebet immedjatament ghal konjizzjoni tal-kwerelant Dottor Buhagiar, u ghalhekk minn dik id-data tas-16 ta' Lulju 2003 bdew jiddekorru s-sentejn stabbiliti mil-ligi. Il-kwerelant ipprezenta l-kwerela tieghu fil-21 ta' Lulju 2003. Il-Kunsill Mediku jidher li ddecida li jiftah inkjesta biss fil-15 ta' Lulju 2004 imma ma jirrizultax mid-decizjoni tal-1 ta' Lulju 2009 meta din id-decizjoni li tinfetah inkjesta giet notifikata lill-appellant filwaqt illi l-ewwel smigh tal-inkjesta kien fil-5 ta' Awwissu 2005; ghalhekk jidher illi bejn id-data tal-incident li ta lok ghall-inkjesta u d-data tal-ewwel smigh ghaddew iktar minn sentejn u biex b'hekk l-inkjesta kienet perenta. *Inoltre* jidher illi din l-inkjesta ghalqet bin-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellant li saret fis-17 ta' Lulju 2006 waqt li d-decizjoni fl-inkjesta ittiehdet fl-1 ta' Lulju 2009. Ghallhekk bejn gheluq l-inkjesta u d-decizjoni ghaddew aktar minn sentejn minghajr ma sar xejn hlief awiz mill-Kunsill Mediku lill-appellant datat 21 ta' April 2009 li kellha tinghata d-decizjoni f'din l-inkjesta fit-13 ta' Mejju 2009.

Fit-13 ta' Mejju 2009 din id-decizjoni ma nghatatx u nghatat biss fl-1 ta' Lulju 2009. Dan kien fatali ghall-inkjesta ghaliex igib li kull pass dixxiplinari taht dik l-inkjest kien perent u preskritt. Huwa rilevanti f’dan il-kuntest li, skont l-**artikolu 31 (3) tal-Kapitolu 464**, l-inkjesta ma tissospendix imma biss tinterrompi l-preskrizzjoni ta' sentejn liema preskrizzjoni terga' tibda tiddekkoprri mill-att interruttiv. Il-kliem tal-artikolu huwa car u ma jhalli l-ebda dubju kwalsijasi. Ghalhekk dik l-azzjoni dixxiplinari kienet preskritta.

2. Illi fit-tieni lok id-decizjoni tal-Kunsill Mediku kellha tittiehed fi zmien sentejn mid-data ta' meta l-appellant gie innotifikat b'xi att tal-procedimenti tal-inkjesta premessa skont ma jipprovdi l-**artikolu 31 (4) tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Sahha (Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta).** Jirrizulta ilii l-appellant gie nnotifikat bil-ftuh tal-inkjesta fit-8 ta' Gunju 2004 u difatti rrisponda ghall-istess nhar it-18 ta' Gunju 2004. Madanakollu d-decizjoni finali tal-Kunsill Mediku damet sal-1 ta' Lulju 2009 biex ittiehdet, jigifieri aktar minn hames snin minn meta l-appellant gie nnotifikat bil-proceduri fil-konfront tieghu. Anke jekk jitqies li l-Avviz tal-Kunsill Mediku iddatat 21 ta' April 2009, fejn l-appellant gie avzat li kienet ser tinghata d-decizjoni f’din l-inkjesta fit-13 ta' Mejju 2009, fih innifsu seta' kellu effett interruttiv wara li l-istess inkjesta inghalqet ghad-decizjoni, din is-suppost interruzzjoni sehhet ferm wara, cioe` tliet snin neqsin kwazi xahrejn, li kien lahaq skada t-terminu. Il-Kunsill Mediku ghalhekk naqas li jsegwi d-dettami procedurali stabbiliti mill-Att dwar il-Professjonijiet tas-Sahha billi naqas li jikkonkludi l-inkjesta *entro* t-terminu ta' sentejn stabbilit fl-**artikolu 31 (4)** tal-istess Att. Ghaldaqstant id-decizjoni tal-1 ta' Lulju 2009 ghandha tigi annullata peress illi t-terminu stabbilit skada minghajr ma ttiehdet decizjoni kif titlob il-ligi. L-appellant kellu dritt li l-procedura tal-inkjesta quddiem il-Kunsill Mediku tigi konkluza *entro* sentejn u kwindi, *in vista* tad-dewmien fit-tehid tal-imsemmija decizjoni, kwalsijasi imputazzjoni imqanqla kontra tieghu ghandha tigi michuda u s-sentenza tal-1 ta' Lulju 2009 tigi imhassra u annullata. Jigi rilevat ukoll li jekk l-Kunsill Mediku xtaq itawwal dan it-terminu kellu jiehu decizjoni fir-rigward u jiggustifika. Haga

li l-Kunsill Mediku ma ghamilx la waqt il-proceduri u lanqas fid-decizjoni li ttiehdet minnu. Ghalhekk wiehed ghandu jifhem li l-Kunsill Mediku kien ecceda l-gurisdizzjoni tieghu meta ddecida l-kaz wara t-terminu stabbilit mil-ligi ghal dan tenut kont tal-fatt guridiku semplici u car daqs il-kristall li, bl-iskadenza ta' dan it-terminu, il-kunsill gie *ipso jure* ezawtorat u mnehhi mill-kwalunkwe gurisdizzjoni li seta' kellu fil-konfront tal-appellant li jiddeciedi l-kaz. *Inoltre* kif jintwera izjed ‘il quddiem f’dan ir-rikors dan id-dewmien kien ta' pregjudizzju ghall-appellant fid-difiza tieghu u wassal ghall-sitwazzjoni fejn l-appellant ma nghatax smigh xieraq fi zmien ragonevoli. Ghalhekk ukoll d-decizjoni hija nulla.

3. Fil-verita' il-Kunsill Mediku mhux biss tnehhitlu l-awtorita` u gurisdizzjoni fuq l-appellant bil-moghdija taz-zmien b'operat tal-ligi izda wkoll talli l-anqas ma kellu din il-gurisdizzjoni fuq l-appellant *ab initio*. Dan ghaliex l-ittra tas-16 ta' Lulju 2003 intbaghtet lil Dottor Buhagiar mill-intrapriza tal-Isptar St Philips *tramite* id-Direttur tas-socjeta` propjetarja tal-Isptar u c-Chief Executive Officer tal-istess sptar. Il-Kunsill Mediku ma ghandu ebda gurisdizzjoni fuq il-mexxejja u l-amministraturi ta' sptar. Ghandha gurisdizzjoni fuq tobba u l-fatt li l-imsemmi Direttur u Chief Executive Officer tal-Isptar inzerta wkoll tabib hija biss ko-incidenza li ma tirradikax gurisdizzjoni lill-Kunsill Mediku. Il- gurisdizzjoni tal-Kunsill hija fissa u certa u ma tiddipendix fuq ko-incidenzi. Fil-fatt Dottor Buhagiar tkecca mill-Isptar mid-Direttur u mic-Chief Executive Officer tal-istess sptar ghaliex l-appellant qatt ma seta' jkollu s-sahha li effettivament ikecci tabib mill-isptar St. Philips fil-vesti tieghu ta' tabib u l-agir fil-vesti ta' tabib huwa l-uniku agir li dwaru l-Kunsill Mediku ghandu gurisdizzjoni.

4. Illi *inoltre* d-dewmien biex tittiehed decizjoni fil-konfront tal-appellant jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tal-appellant ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli skont l-**artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet tal-Bniedem** u skont l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**. Dan aktar u aktar meta l-appellant min-naha tieghu ma ghamel xejn

biex jipprova jtawwal il-proceduri. *In vista* ta' tali ksur tad-drittijiet fundamentali tal-appellant il-multa ta' ghaxart elef ewro (€10,000) imposta mill-Kunsill Mediku hija ingusta u m'ghandhiex tigi imposta fuq l-appellant. Fil-verita` flok il-multa li l-appellant gie kkundannat li jhallas, huwa aktar il-kaz, li l-appellant huwa ntitolat ghal kumpens naxxenti minn dan id-dewmien u qieghed minn issa jirrizerva d-drittijiet tieghu fir-rigward.

5. Illi *inoltre* bhala konsegwenza ta' dan id-dewmien ir-rizultat kien li d-decizjoni ttiehdet minn membri tal-Kunsill li qatt ma kienu semghu jew hadu konjizzjoni tal-kaz u waqt li l-kaz tmexxa inizjalment quddiem Kunsill kompost minn certu membri safa deciz minn membri ohra li quddiemhom l-appellant qatt ma deher u qatt ma kellu l-opportunita` li jittratta. Ghallhekk mhux biss ma kienx hemm smigh xieraq imma lanqas biss kien hemm smigh u tali difett huwa fatali ghall-proceduri intraprizi kontra tieghu.

6. Illi *inoltre* d-decizjoni hija fiha nnifisha wahda kondizzjonali u ghalhekk hija nulla ghaliex decizjoni ta' din il-portata ma tistax tkun soggetta ghall-kondizzjonijiet u ghanda tkun pura u semplici decizjoni. Hija decizjoni ta' multa imhallta mat-thassir mir-Registru jew decizjoni ta' thassir mir-Registru kondizzjonata minn hlas ta' multa. Dan il-Kunsill ma ghandux is-setgha li jaghmlu.

Il-ligi (**Art. 32 tal-Kapitolu 464**) taghtih is-setgha li jew jimmulta jew jordna l-kancellament mir-Registru jew it-tnejn izda mhux wahda kundizzjonata mill-ohra. Isegwi li jekk id-decizjoni hija wahda biex it-tabib ihallas multa, id-decizjoni li ismu ghandu jithassar mir-registru jekk ma jhallashiex hija fiha nnifisha inikwa u nulla. Ghaliex f'dan l-istadju t-tribunal ma jistax jkun konxju tas-sitwazzjonijiet li jemergu qabel ma l-appellant jonqos li jhallas dik il-multa. Jekk wiehed jonqos li jhallas multa, ir-rimedji normali huwa differenti, u cioe` li jesigi l-hlas taghha. Jekk imbaghad wiehed ghandux ikollu ismu imhassar mir-registru jekk jonqos li jhallas multa hija kwistjoni ta' passi dixxiplinari ohrajn konsistenti fi proceduri rigward in-nuqqas ta' hlas ta' multa fejn l-esponent jista' jkollu difizi ohrajn. Jekk id-decizjoni hija wahda biex ismu jithassar

mir-registru, kif jidher li hi, allura d-decizjoni hija wkoll zbaljata ghaliex ma tistax tissospendi dik id-decizjoni u taghmilha dipendenti minn hlas ta' somma flus. U r-**Regolament 3 tal-Avviz  Legali 38 tal-2009** ma jnaqqas propju xejn minn dan l-argument ghal dawn ir-ragunijiet: a) dan l-Avviz Legali dahal fis-sehh fi Frar 2009 (cioe` anke wara li dawn il-proceduri skadew skont l-**artikolu 31 (4) tal-Kapitolu 464** u ftit xhur anqas minn sitt snin wara l-incident li ta lok ghall-inkjesta) minghajr provvediment li jirrendih retroattiv u ghalhekk, f'dan il-kaz, qatt ma seta' jigi applikat retroattivament mill-Kunsill galadarba l-istess Avviz fih innifsu ma jipprovdix ghall-effett reroattiv tieghu; b) l-istess Avviz itendi li jirrendi l-piena li l-Kunsill jista' jimponi aktar severa u ghalhekk dan fih innifsu jirrendi l-istess Avviz inapplikabbli retroattivament skont l-**Art. 39 (8) tal-Kostituzzjoni u l-Art. 7 (1) l-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta)**; c) *di piu`* dan l-Avviz Legali jipprovdi dispozizzjonijiet *oltre* l-Att principali nnifsu u ghalhekk huwa *ultra vires*, null u minghajr ebda effett legali. Ghalhekk, in kwantu d-decizjoni appellata applikat l-**Avviz Legali 38 tal-2009**, din id-decizjoni hija nulla u ma jista' qatt ikollha effett legali.

7. Illi fil-fatt mid-decizjoni appellata nfisha jirrizulta li, fid-decizjoni tieghu, il-Kunsill Mediku lanqas ma strah fuq l-**Avviz Legali 38 tal-2009** izda fuq l-**Avviz Legali 39 tal-2009** li ma huwa rilevanti propju xejn mal-kaz odjern. Dan huwa zball iehor fatali tal-Kunsill Mediku li jgib in-nullita` tad-decizjoni appellata.

8. Illi, rigward il-mertu, l-appellant jissottometti umilment illi l-konkluzjoni tal-Kunsill Mediku illi *'dan hu kaz car ta' malafama ta' tabib minn tabib iehor, liema komportament imur kontra l-etika professjonali li jaqa' taht l-***artikolu 32 (1) tal-Ligijiet ta' Malta (Kap 464)** *bl-intenzjoni li jiddegrada l-professjoni ta' Dottor Louis Buhagiar u jdallam l-opinjoni tal-pubbliku fuqu'* hija wahda skorretta u dan *stante* illi l-Kunsill Mediku ma kkunsidrax b'mod ekwu l-provi kollha prodotti. B'mod partikolari l-Kunsill Mediku ghazel li jistrieh fuq il-provi prodotti mit-Tabib Buhagiar u ftit li xejn ta mportanza lill-provi migjuba mill-appellant.

Dan meta l-appellant agixxa dejjem fl-ahjar interess tal-pazjenti tal-isptar privat gestit minnu u meta din kienet decizjoni li, bhala CEO tal-isptar St Philips, kellu mhux biss l-kapacita` u l-pjena fakolta` izda wkoll id-dmir li jiehu. L-appellant jissottometti ghalhekk illi ma ntlahaqx il-grad ta' prova mehtieg biex huwa jinstab hati tal-ewwel u t-tieni akkuzi migjuba kontra tieghu. Li l-prova tal-malafama ma saritx min-naha ta' Dr. Buhagiar huwa indiskutibbli. Anzi l-indikazzjonijiet huma kollha favur l-appellant. Difatti l-Kunsill Mediku fid-decizjoni tieghu naqas li jiehu in kunsiderazzjoni l-fatt illi n-numru ta' lmenti li kien qieghed jircievi l-appellant dwar id-drittijiet medici eccessivi li kien qieghed izomm Dr. Buhagiar waqt l-ezercizzju tal-professjoni tieghu fl-isptar gestit mill-appellant (St. Philip's) kienu ixxandru kemm fuq il-gazzetti kif ukoll fuq l-*internet* u illi ghalhekk tali lmenti kienu qieghdin jikkagunw hsara kbira lir-reputazzjoni tal-isptar innifsu kif ukoll ta' dawk kollha assocjati b'xi mod jew iehor mal-istess sptar. *Inoltre* l-appellant agixxa skont ma kienet titlob l-etika u fil-fatt mal-ewwel innotifika lill-Assocjazzjoni Medika ta' Malta bil-fatt illi kien issospenda lil Dr. Buhagiar. Infatti, meta fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2006 xehed Dr. Martin Balzan, mill-Assocjazzjoni msemmija, dan qal kif kienet prassi li l-Assocjazzjoni Medika ta' Malta tigi notifikata b'incidenti bhal dawn biex jekk tkun trid tkun tista' tintervjeni jew tara xi trid taghmel fic-cirkostanzi. Dr. Martin Balzan kompla jghid illi l-Assocjazzjoni ma ghamlet xejn dwar dan (kif altrimenti setghet ghamlet) u dan jindika li skont l-istess Assocjazzjoni l-agir tal-appellant kien ben gustifikat. Anzi Dr. Martin Balzan xehed ukoll illi l-Assocjazzjoni kienet fehmet u apprezzat tajjeb il-fatt li r-rapport bejn Dr Buhagiar u l-appellant ma kienx ghadu jissussisti. Dan kollu pero' l-Kunsill Mediku injorah bhallikieku qatt ma kien. Anke l-fatt li s-sospensjoni giet notifikata lill-membri tal-istaff ta' St. Philips lanqas ma jista' jitqies bhala agir inetiku peress illi l-appellant bilfors kellu b'xi mod jgharraf lill-istaff tieghu illi ma setghux jigu riferiti aktar pazjenti lil Dr. Buhagiar minhabba li ma kienx ghadu assocjat mal-isptar St. Philips. Id-decizjoni appellata naqset ukoll li tikkunsidra l-fatt illi Dr. Josie Muscat, xhud prodott mill-kwerelant (Dr Buhagiar) innifsu, fis-seduta tat-18 ta' Awwissu 2005 ikkonferma wkoll illi kienu saru diversi

ilmenti (minn *insurances*) lill-isptar St. Philips dwar id-drittijiet professjonali mizmuma mill-kwerelant.

9. Illi l-Kunsill Mediku injora wkoll il-fatt li n-notizja tas-sospensjoni ma waslitx ghand il-gazzetti bhala rizultat ta' xi rappurtagg min-naha tal-appellant. Din inzertat kienet ahbar inerentement attraenti ghal kwalunkwe gurnal u difatti kienu l-gurnalisti stess li avvicinaw lill-appellant. L-appellant ma jistax jigi penalizzat talli wiegeb b'mod sincier ghad-domandi tal-gurnalist dwar is-sitwazzjoni kif kienet; altrimenti l-appellant kien ikun qieghed jigdeb u jipprova jghatti r-ragunijiet li minhabba fihom kien wasal biex jiehu d-decizjoni li ha; kien jispicca biex ikun inkonsistenti mieghu nnifsu u komplici mal-agir inetiku ta' Dr Buhagiar. L-agir tal-appellant kien ghalhekk ghal kollox gustifikat. Anzi, jekk wiehed jara sewwa dak li gie ppubblikat fil-*Malta Today* nhar il-5 ta' Ottubru 2003, l-appellant ghamel li seta' biex ma jweggax ir-reputazzjoni ta' Dr Buhagiar: l-appellant qal car u tond li *'he would not be making any new comments at this stage'*. Rigward l-allegazzjonijiet li Dr Buhagiar kien zamm xi flus tal-isptar, l-appellant kien oggettiv u immitiga wkoll il-kummenti dwar Dr Buhagiar; fil-fatt qal, *'In the interest of fairness I must say that, since then, Dr. Buhagiar has returned the funds sent to him IN ERROR by a patient'* (enfasi mizjud). L-appellant kien ukoll attent li jirrapporta s-sitwazzjoni kif kienet u li ma jezagerax il-fatti. Difatti kien pront jissottolinea illi mhux l-ilmenti kollha li kien ircieva dwar Dr. Buhagiar kienu gustifikati: *'I had also investigated a number of complaints of repeated excessive professional charges to patients, behaviour which was bringing private medical care into disrepute, and which resulted in loss of contracted work to the hospital. I found that SOME of these complaints were justified'* (enfasi mizjud). L-appellant sahaq illi d-decizjoni li ha kienet necessarja *'to safeguard the good reputation of the hospital'* u insista illi d-decizjoni ma kenitx wahda facli jew ta' pjacir ghalih: *'I am particularly grieved by this decision because Dr. Buhagiar is an excellent physician'*. Jirrizulta ghalhekk illi l-appellant mexa bil-kawtela kollha mehtiega, bi prudenza, u b'harsien tal-parametri tal-etika fejn irrikonoxxa t-tajjeb ta' Dr Buhagiar u assolutament ma ppruvax ipoggih f'dawl

ikrah; qal biss il-verita`, kif wara kollox kulhadd kellu dritt jisma’ x'kienet il-verita`. Tali prudenza ma tista’ qatt titqies xi nuqqas etiku jew malafama fil-konfront tal-appellant. Fid-decizjoni tieghu l-Kunsill Mediku injora dan kollu biex ikkundanna lill-appellant. Anzi, l-evidenza turi illi ma jistax ikun li l-iskop ahhari tal-appellant - kif jallega Dr. Buhagiar - *'kien li Dottor Buhagiar jitnaqqaslu l-gieh u l-unur tieghu fil-kamp mediku bil-konsegwenza li ma jigix riferut lilu aktar xoghol.'* Irid jinghad ukoll illi - anke jekk ir-rapportagg lill-gazzetta *Malta Today* ma sarx fuq inizjattiva tal-appellant - u anke jekk l-appellant ghamel minn kollox biex ikun oggettiv u jsalva r-reputazzjoni professjonali ta’ Dr. Buhagiar - minhabba l-fatt illi l-ilmenti mill-pazzjenti kontra l-istess Dr. Buhagiar kienu diga` ixxandru fuq il-gazzetti, dak kollu li qal l-appellant meta gie intervistat mill-gurnalist tal-*Malta Today* serva ta' risposta ghal dawk l-ilmenti sabiex ma tkomplix tmur lura r-reputazzjoni tal-isptar St. Philips, u anke fuq din il-bazi kienu kummenti gustifikati fid-dawl tan-nuqqas ta’ reputazzjoni li Dr. Buhagiar stess kien gab fuq l-isptar St. Philips.

10. Illi d-decizjoni appellata ma tatx importanza lill-verzjoni ta’ Thomas Galea billi qalet li l-ittra miktuba minnu ma kenitx prova *'tempore non suspecto'.* Jibqa’ l-fatt pero` (u dan id-decizjoni appellata injoratu kompletament) illi meta l-istess Thomas Galea xehed fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2006 - u dan kien xhud prodott minn Dr. Buhagiar innifsu - huwa qal illi kien l-appellant stess illi zammu milli jxandar lil Dr Buhagiar fil-pubbliku hames snin qabel, haga li turi kemm l-appellant kien kawt f’imgibtu u assolutament ma kienx qieghed jipprova jikkawza xi dannu fil-konfront ta' Dr. Buhagiar. Il-Kunsill Mediku ghalhekk mill-gdid ma gharafx iqis il-provi tajjeb. Haga ohra simili tikkonsisti fil-fatt li d-decizjoni appellata qieset il-fatt li l-appellant baghat kopja tal-ittra tieghu lil sptarijiet ohra bhala agir intenzjonat biex Dr. Buhagiar jigi sospiz minn sptarijiet ohra wkoll. L-appellant pero' ma jistax jifhem kif il-Kunsill Mediku seta' jasal ghal opinjoni bhal dik meta ma hi issustanzjata bl-ebda mod mill-atti tal-inkjesta. Dan l-appellant ghamlu biss b'sens ta’ lealta` lejn il-kompetituri tieghu u biex izomm it-trasparenza dwar id-decizjoni li

kien ha. L-ittra kienet ukoll fl-istess hin rakkomandazzjoni ghal Dr Buhagiar bhala *'an excellent physician'.*

11. Illi apparti dan, huwa inkontestat illi l-akkuza migjuba kontra l-appellant kienet wahda ta' malafama. Ghal tali tip ta' akkuza hemm ir-rimedji ordinarji tal-ligi tal-pajjiz ghal dak li jirrigwarda kemm il-kamp civili kif ukoll il-kamp kriminali. L-ghazla tal-passi quddiem il-Kunsill Mediku kontra l-appellant kienet intiza biss u semplicement biex iggib diminuzzjoni fit-triqat miftuha ghad-difiza tieghu. Intant l-kwerelant illimita ruhu ghall-ilment quddiem il-Kunsill u la ha proceduri civili u lanqas kriminali. Certament ghall-malafama t-triqat indikati kienu dawk. Bl-esercizzju ta' dan ir-rimedju tingieb diminuzzjoni fid-dritt ta'
espressjoni kompetenti lill-individwu, billi xxekkel tabib mill-
liberta` li jitkellem u jikkumenta fejn hadd iehor ma huwiex hekk imxekkel. Individwu li jaghzel li jikkumenta dwar il-komportament ta’ tabib jkun suggett ghall-possibbli passi civili u kriminali fuq il-bazi ta’ malafama u ghal xejn izjed. Id-decizjoni appellata tal-Kunsill Mediku hija guridikament hazina ghaliex irrendiet lill-appellant responsabbli ta’ malafama *oltre* l-ligijiet li jirregolaw il-malafama f’dan il-pajjiz (**Art 252 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta** kif ukoll il-**Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta**) fejn hija determinata r-responsabbilta` jekk u meta wiehed jinsab responsabbli ta’ ingurja jew malafama tahthom. Izda f’dan kaz, l-appellant instab hati u gie multat €10,000 taht ligi inesistenti li, fl-imaginazzjoni ta-Kunsill, tirregola l-malafama bejn it-tobba li l-anqas ma tiddetermina u ticirkonda limiti ta’ responsabbilta` ghal tali malafama. Dan huwa ksur lampanti tal-massima legali li millum *crimen sine lege*; *nulla poena sine lege* u, anke hawn, l-appellant qieghed jirrizerva d-drittijiet tieghu ghal kwalunkwe rimedju kostituzzjonali fir-rigward. Jekk il-Kunsill Mediku ibbaza d-decizjoni tieghu fuq l-**artikolu 32 (1) tal-Kapitolu 464 u l-Avviz Legali 38 tal-2009**, legalment hazin ghamel. Ghal dak li jirrigwarda l**-Avviz Legali 38 tal-2009,** ghamel hazin mhux biss ghar-ragunijiet migjuba fil-paragrafu 6 *supra*, izda talli kemm l-**artikolu 32 (1) tal-Kapitolu 464** flimkien mal-imsemmi

**Avviz Legali 38** qatt ma jistghu japplikaw ghal malafama. Dan jemergi bl-aktar mod car meta jitqies li, per ezempju: a) taht l-**artikolu 31 (2) tal-Kapitolu 464**, il-preskrizzjoni hija ta' sentejn filwaqt illi taht l-**artikolu 32 tal-Kapitolu 248**, li huwa specifikatament intiz u applikabbli ghall-malafama, it-terminu ta' preskrizzjoni (jew dekadenza?) huwa ta' sena; b) taht ir-**regolament 2 tal-Avviz Lagali 38 tal-2009**, li prezumibilment skont il-Kunsill Mediku, dan japplika wkoll ghal malafama, il-multa massima hija ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) filwaqt li l-**artikolu 11 tal-Kapitolu 248**, li huwa specifikament applikabbli ghall-kaz ta' malafama izda johrog mill-mansjoni tal-Kunsill Mediku, abbinat mal-**artikolu 11 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**, jistabbilixxi multa massima ta' elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) ghal min jinstab hati ta' malafama! Sfortunatament id-decizjoni appellata ikkreat dan l-isprozitu legali ghaliex huwa kontro-sens legali mill-aqwa li l-Kunsill Mediku jistabilixxi regime legali ta' malafama bejn it-tobba f’dan il-pajjiz liema regime legali jiddipartixxi sostanzjalment mir-regim legali ta' malafama applikabbli bejn in-nies kollha f’dan l-istess pajjiz! Mela permezz tad-decizjoni appellata, il-Kunsill Mediku jew sab lill-appellant hati ta' malafama u mmultatu €10,000 a bazi ta' ebda ligi jew sabitu hekk hati u kkundannatu taht ligi assolutament inapplikabbi ghal kaz. Fiz-zewg kazijiet id-decizjoni appellata hija guridikament insostenibbli, hija nulla u minghajr ebda effett legali u ghandha tigi annullata u mhassra minn din il-Qorti daqs li kieku qatt ma kienet. Il-pozizzjoni guridiku-legali korretta hija din: ma hijiex il-gurisdizzjoni u l-funzjoni tal-Kunsill Mediku li jinvestiga jekk kienx hemm jew le malafama billi din hija ta' kompetenza tal-Qrati ordinarji ta' dan il-pajjiz. Bil-mod kif mxew il-kwerelant u l-Kunsill Mediku gie negat lill-appellant access ghall-tribunal imparzjali u indipendenti fid-determinazzjoni tal-fatt kienx hemm malafama jew le u dan huwa ksur iehor tad-drittijiet fondamentali tal-appellant li dwaru wkoll qieghed jirrizerva l-pozizzjoni tieghu. Tali determinazzjoni ma kenitx ta' kompetenza tal-Kunsill Mediku.

12. *Inoltre*, b'dan l-agir, giet tassew imxekkla l-liberta` ta' espressjoni tal-appellant. L-esponent huwa cert li ma kenitx la l-intenzjoni u lanqas ix-xewqa tal-Kunsill Mediku li jippromwovi sitwazzjoni ta' omerta fil-professjoni medika, imma sfortunatament dan huwa l-istat li ghalih twassal id-decizjoni appellata. Huwa fl-interess tal-pubbliku li jkun jaf f'dan il-kamp, u huwa l-interess ta' socjeta` verament demokratika li tiproteggi l-liberta` ta' espressjoni tal-individwu u tal-liberta` tieghu li jaghmel komment hieles fuq fatti kif maghrufa lilu. Tali restrizzjoni tal-liberta` ta' espressjoni hija inikwa u dan ghal diversi ragunijiet - hija inikwa ghaliex, fil-kaz ta' tabib, tikkrea differenza bejn il-konsegwenzi ghal dak 'il wiehed li jaghzel li jghid komparat ma' cittadini ohrajn; hija inikwa ghaliex ittendi li zzomm lil dak li jkun milli jghid u javza li qed jiehu jew ha passi biex jissalvagwardja l-fhema pubblika fuqu, fuq l-isptar immexxi minnu u fuq il-professjoni medika in generali; hija inikwa ghax tippretendi li l-appellant, anke wara diversi avvizi u fid-dawl ta' diversi ilmenti minn pazjenti u entitajiet ohra, ma kienx messu kiteb l-ittra li kiteb u jhalli kollox ghaddej jew jidfen kollox; hija inikwa wkoll ghaliex timporta restrizzjoni li la hija stabbilita mil-ligi u lanqas hija accettabli
f'socjeta` demokratika. Ghalhekk id-decizjoni tammonta ghal ksur tal-liberta` ta' espressjoni, dritt fondamentali protett rnill-Kostituzzjoni (**Art. 41**) u mill-**Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta)**, u precizament l-**Art.10** tal-imsemmija Konvenzjoni, u hawn ukoll l-appellant jirrizerva d-drittijiet tieghu fir-rigward. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem diga' ippronuncjat ruhha f'dan ir-rigward u fis-sentenza **Frankowicz v Poland** tas-16 ta' Dicembru 2008 (liema sentenza saret finali fl-4 ta' Mejju 2009) qalet inekwivokament illi *'matters relating to professional practice are not removed from the protection of Article 10 of the Convention'* u - b'somiljanza mal-kaz odjem ziedet tghid illi *'the applicant's conviction and disciplinary sanction for having expressed a critical opinion on medical treatment received by a patient amounted to an interference with his right to freedom of expression'*. Il-Qorti Ewropea kompliet tghid ukoll illi, "*The fact that the*

*opinion in question was issued within the framework of the applicant's commercial activity, and was critical of another doctor, does not automatically deprive it of its genuineness or objectivity. The Court observes that the domestic authorities, in finding that the applicant had discredited another doctor, did not make any serious assessment of the truthfulness of the statements included in the opinion (see Veraart v. The Netherlands, no. 10807/04, §§ 60 and 61, 30 November 2006)... Such a strict interpretation by the disciplinary courts of the domestic law as to ban any critical expression in the medical profession is not consonant with the right to freedom of expression... In conclusion the interference complained of was not proportionate to the legitimate aim pursued and, accordingly, was not "necessary in a democratic society" "for the protection of the rights of others". Consequently, it gave rise to a violation of Article 10 of the Convention.'* Dan huwa ezattament x'gara fil-kaz tad-decizjoni appellata. Ghalhekk id-decizjoni appellata definittivament tikser id-dritt fundamentali tal-appellant ghall-liberta` ta' espressjoni.

13. Illi fil-kuntest tal-malafama huwa mportanti li wiehed jinnota li fl-ittra tieghu l-appellant kull ma ghamel huwa li attira l-attenzjoni tal-kwerelant ghall-ilmenti ripetuti li kienu saru lilu. Huwa ma kienx tenut li jipprova dawk l-ilmenti kienux gusti jew le. *Se mai*, kien biss tenut li jipprova li kienu saru dawk l-ilmenti, u certament kellu dritt jikteb u jgib a konkjizzjoni tal-kwerelant dawk l-ilmenti biex jara x' kellu xi jghid fuqhom. Dan bl-ebda mod ma qatt jista' jammonta ghal malafama.

Ghaldaqstant, filwaqt li jaghti kull garanzija rikjesta mil-ligi, ghar-ragunijiet fuq esposti u ghal dawk ir-ragunijiet l-ohra illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-appellant, filwaqt li jaghmel riferenza ghall-atti kollha ta' din l-inkjesta u ghall-provi kollha gia` prodotti u jirreserva li jipproduci dawk il-provi kollha permessi mil-ligi, jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell, thassar u tannulla d-decizjoni appellata tal-Kunsill Mediku tal- 1 ta' Lulju 2009 jew, fin-nuqqas, tirriforma d-decizjoni appellata tal-Kunsll Mediku tal-1 ta' Lulju 2009,

billi, filwaqt li tikkonferma dik il-parti tad-decizjoni fejn il-Kunsill Mediku irrespinga l-akkuza ta' kunflitt ta' interess, thassar u tirrevoka dik il-parti tad-decizjoni fejn il-Kunsill Mediku sab lill-appellant hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, u minflok issib lill-appallant mhux hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Kunsill Mediku appellat.

Rat ir-risposta tal-appellat Kunsill Mediku datata 4 ta' Awwissu 2009 a fol 14 tal-process fejn espona: -

Preliminarjament illi l-appell intavolat mill-appellant Dr Frank Portelli huwa null u bla effett u l-appellant ma seta' qatt jintavola appell mid-decizjoni tal-Kunsill Mediku tal-1 ta' Lulju 2009, u dan ghas-segwenti raguni:-

Intavolat kif inhu *ai termini* tal-**artikolu 36 (4) tal-Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta**, jigi umilment sottomess illi l-appell intavolat huwa infondat fid-dritt, ma jsib ebda sostenn legali u ma seta' qatt jigi intavolat b'dan illi l-appell huwa irritu u null u insostenibbli.

L-Appellant jissottometti illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell hija kompetenti tisma' u tiddeciedi dan l-odjern appell *ai termini* tal-**artikolu 36 (4) tal-Kap. 464**.

Jigi umilment sottomess illi dan huwa skorrett u bir-rispett din l-Onorabbli Qorti ma ghandha ebda gurisdizzjoni jew kompetenza tisma' u tiddeciedi dan l-Appell u ghalhekk ghandha din l-Onorabbli Qorti tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-istess appell a bazi ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni u kompetenza dwar il-materja.

Dan qed jinghad in kwantu illi l-**artikolu 36** msemmi jghid specifikament illi meta skont l-**artikolu 32** jew l-**artikolu 38** Kunsill rilevanti jistabbilixxi li isem xi persuna ghandu jkun kancellat mir-registru adatt, ir-registratur tal-Kunsill rispettiv ghandu, fi zmien erbatax-il jum mill-gurnata meta tittiehed id-decizjoni mill-Kunsill rispettiv, jinnotifika lill-persuna li jsimha ghandu jigi kancellat b'avviz tad-decizjoni tal-Kunsill, u ghandu, fi zmien dak il-perjodu ta' wiehed u ghoxrin gurnata, ukoll jaghti avviz ta' dan lill-

awtorita` kompetenti ta' kull Stat Membru. (dan skont s-**subartikolu (1) tal-istess artikolu 36.)**

Filwaqt illi s-**subartikolu (2)** u **(3)** imbaghad jitkellmu fuq l-effetti tad-decizjoni u l-mod tan-notifika tad-decizjoni lill-persuna *de quo*, s-**subartikolu (4)** iccitat mill-appellant ighid illi f'kull zmien matul wiehed u ghoxrin gurnata min-notifika ta' avviz il-persuna li tkun giet notifikata bih tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell.

Il-ligi hawnhekk hija cara u l-gurisdizzjoni moghtija lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell hija appuntu dettata u moghtija b'dan l-artikolu, u precizament bis-**subartikolu (1)** u **(4)** hawn citati.

Huwa **biss** meta ***Kunsill rilevanti jistabbilixxi li isem xi persuna ghandu jkun kancellat mir-registru adatt*** li jiskatta d-dritt tal-Appell quddiem il-Qorti tal-Appell. Mill-bqija, persuna soggetta ghal decizjoni tal-Kunsill Mediku ma ghandu ebda rimedju quddiem din l-Onorabbli Qorti u din l-Onorabbli Qorti, min-naha taghha, ma ghanda ebda gurisdizzjoni tisma' u tiddeciedi appell imressaq quddiemha.

Fil-kaz in ezami - l-appellant ma ghandux ismu kancellat mir-Registru. Il-Kunsill ma ddecidiex hekk. Qari akkurat tad-*decide* tad-decizjoni tal-1 ta' Lulju 2009 hija cara u inekwivoka - tikkundanna lil Dr Frank Portelli biex ihallas il-multa ta' ghaxart elef ewro (€10,000)........ Huwa biss fin-nuqqas illi jonora d-decizjoni mehuda mill-Kunsill fi zmien tliet xhur illi l-Kunsill inenhi isem l-appellant mir-Registru. Din saret bl-applikazzjoni tal-**Avviz Legali 38 tal-2009** - u hija biss applikazzjoni tal-istess Avviz Legali u mhux id-decizjoni tal-Kunsill Mediku.

Li ghamel il-Kunsill Mediku meta fid-decizjoni semma' illi jekk ma jsirx il-hlas *entro* tliet xhur, allura isem l-appellant jigi kancellat mir-Registru - din ma kinitx decizjoni mehuda mill-Kunsill, izda biss l-applikazzjoni tal-Avviz Legali msemmi, bil-konsegwenza legittima illi ma jintitolax lill-appellant iressaq appell.

Din hija distinzjoni netta illi jinhtieg issir sabiex tigi implimentata tajjeb il-ligi u dan li ried il-legislatur u hija distinzjoni li trid issir biex twassal lil din l-istess Onorabbli Qorti tiddeciedi illi l-ligi, f'kaz ta' decizjoni bhal din appellata, ma ghandiex gurisdizzjoni ta' forum ta' appell.

Id-dritt ta' appell u d-dritt illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell tiehu konjizzjoni tal-Appell u tiddecidih qieghed vestit **biss** bil-ligi fejn il-Kunsill ikun ha decizjoni illi jikkancella isem il-prattikant mir-Registru meta tinstab htija fuq akkuzi li jkunu qed jigu investigati *ai termini* tal-**artikolu 32 (1),** ossia, meta jkun hemm decizjoni *ai termini* tal-**artikolu 32 (1) (i)** in segwitu ghal htija a bazi tal-**artikolu 32 (1) (a) (b)** jew **(c).** Hawnhekk - bir-rispett qed jigi sottomess illi dan mhux il-kaz. U ghalhekk din l-Onorabbli Qorti, a bazi ta' din l-osservazzjoni, ghandha tasal sabiex tiddikjara ruha inkompetenti bil-ligi u b'hekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-appell.

Minghajr pregudizzju ghal dak kollu su-espost, il-Kunsill esponent sejjer issa jittratta aggravju aggravju kif mressaq mill-istess appellant.

**Fil-paragrafu numeral (1),** l-appellant iressaq b'aggravju il-kwisjtoni tal-preskrizzjoni u jibbaza l-aggravju tieghu fuq l-**artikolu 31 (2) tal-Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Qabel xejn jinghad illi l-fatti jridu jingiebu sewwa u korretti a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti. Jirrizulta mill-atti is-segwenti:-

1. Mhux veru illi l-kwerela saret fil-21 ta' Lulju 2003 - din kienet biss ittra lill-Kunsill Mediku peress illi l-ittra ta' Dr Frank Portelli tas-16 ta' Lulju 2003 kienet mibghuta (in copy) lill Kunsill Mediku.

2. Fil-laqgha tal-Kunsill Mediku tat-8 ta' Ottubru 2003, gie deciz illi Dr. Louis Buhagiar kellu jigi mitlub jippresenta kwerela jekk ried u xtaq illi l-Kunsill jinvestiga u jiehu l-passi. Li jmur biex ifisser illi sa dak il-hin, il-Kunsill qatt ma qies illi l-kwerela kienet saret.

3. Illi b'ittra ta' Dr. Jose' Herrera u Dr. Edward Zammit Lewis tat-3 ta' Novembru 2003 b'dokument anness maghha (affidavit ta' Dr. Buhagiar) - il-Kunsill Mediku gie mitlub jinvesitga skont il-ligi il-kwerela illi kienet hemmhekk qed tigi mressqa.

4. Illi b'ittra tat-8 ta' Gunju 2004, il-Kunsill Mediku gharraf lill-appellant Dr. Portelli bil-kwerela u talab ghall-kummenti tieghu - liema kummenti saru b'ittra ta' Dr. Portelli tat-18 ta' Gunju 2004.

5. Illi fl-24 ta' Gunju 2005, il-partijiet gew mgharrfa illi l-Kunsill Mediku kien sejjer jipprocedi bl-inkjesta - u fil-25 ta' Lulju 2005 inhareg l-avviz lil Dr. Frank Portelli bl-akkuzi illi huwa kellu jirrispondi ghalihom, filwaqt illi gie mgharraf illi l-ewwel seduta kienet ser tinzamm fil-5 ta' Awissu 2005.

6. Illi fis-17 ta' Lulju 2005 – Dr. Frank Portelli rrisponda ghall-akkuzi bil-miktub.

7. Illi fil-5 ta' Awissu 2005 inzammet l-ewwel seduta, u inzammu regolarment diversi seduti wara (18 ta’ Awwissu 2005, 6 ta’ Ottubru 2005, 17 ta’ Novembru 2005, 16 ta’ Marzu 2006, 11 ta’ April 2006, 9 ta’ Mejju 2006, 30 ta’ Mejju 2006). Illi sakemm inghatat id-decizjoni, dahhlu s-sottomissjonijiet tal-partijiet - sabiex finalment inghatat d-decizjoni.

Illi mehuda dawn il-fatti ghalhekk ma jregix l-ewwel aggravju. Dan qed jinghad peress illi s-sottomissjoni tal-appellant hija bbazata fuq dati skorretti - kif muri hawnhekk u kif ben evidenzjat mill-atti processwali. L-aggravju tal-appellant dwar il-preskrizzjoni hija ghalhekk infondata fil-fatt u fid-dritt.

Qabel xejn dwar is-sottomissjoni tal-appellant illi l-proceduri kienu perenti peress illi skadew sentejn bejn id-data tal-kwerela u l-ewwel seduta - dan huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt. Jirrizulta illi l-kwerela saret fit-3 ta' Novembru 2003 u l-ewwel seduta nzammet fil-5 ta' Awissu 2005 - b'hekk ma kienux ghaddew is-sentejn msemmija mill-appellant.

F'dan il-kuntest tal-fatti kif giustament hawnhekk esposti allura illi jrid jinghad illi l-azzjoni u l-inkjesta ma kinitx perenta ghax ma nbdietx wara t-trapass ta' sentejn mid-data tar-rapport/kwerela, izda entro s-sentejn preskritti.

Dwar it-tieni parti tal-ewwel aggravju, *ossia* illi l-azzjoni kontra l-appellant kienet preskritta peress illi ghadda trapass ta' sentejn mill-ahhar att ippresentat sad-data tad-decizjoni, l-appellant jiccita l-**artikolu 31 (3)** in sostenn tat-tezi tieghu.

Jibqa' pero` l-fatt illi l-**artikolu 31 (2)** li a bazi tieghu jittanta jsostni l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tirrelata ghat-trapass ta' sentejn sabiex jkunu inizjalati l-praceduri.

Finalment, filwaqt illi huwa minnu illi eccezzjoni ta' preskrizzjoni tista' titqajjem f'kull stadju, pero` huwa minnu ukoll illi l-appellant qatt ma ressaq tali eccezzjoni qabel. Huwa minnu wkoll li kif jixhdu diversi sentenzi tal-Qrati taghna, il-provvedimenti relatati mal-preskrizzjoni ghandom dejjem jinghataw interpretazzjoni restrittiva u mhux wiesa', u fid-dawl tal-fatt illi jista' huwa vermament il-kaz illi d-dicitura tal-ligi fl-**artikolu 31 tal-Kap. 464** mhux l-ahjar possibbli u possibbilment thalli anke certi inekwivoki, allura l-interpretazzjoni restrittiva tal-istess artikolu ghandha timmilita' kontra t-tezi mressqa mill-appellant.

L-interpretazzjoni ta' disposizzjonijiet li jirrigwardaw il-preskrizzjoni ghandha tkun restrittiva in omagg ghall-principju li fil-kamp penali (u ghalhekk anke dixxiplinari) l-interpretazzjoni tal-ligijiet ghandha tkun dejjem restrittiva. Naturalment tali principju japplika l-izjed fir-rigward ta' disposizzjonijiet ta' natura sostantiva iktar milli procedurali. Kif intqal fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Grima** (2 ta' Mejju 1994), il-ligi dwar il-preskrizzjoni fl-essenza u fl-operazzjoni prattika taghha, realment hija istitut tal-ligi sostanzjali u mhux procedurali. Din il-ligi ma tirrigwardax il-process jew il-forma tal-proceduri, izda tirrigwarda l-iskop u l-oggett tal-proceduri.

Tirrigwarda l-fini li l-amministrazzjoni tal-gustizzja tfittex, u mhux il-mezzi li bihom dak il-fini ghandu jigi miksub.

**Fil-paragrafu numerat (2)** - allura t-tieni aggravju, l-appellant jibbaza ghal darba ohra eccezzjoni ta' preskrizzjoni *ai termini* issa tal-**artikolu 31 (4)** - u jghid illi in kwantu setghu ghaddew sentejn mill-ahhar presentata ta' xi att fil-proceduri ghad-data tad-decizjoni, allura l-azzjoni kienet preskritta u l-Kunsill appellat ma setax jaghti d-decizjoni u ecceda l-gurisdizzjoni tieghu meta ddecied il-kaz.

Li ma kkwotax l-appellant (anke jekk jaghmel referenza remota ghaliha) - huwa illi l-Kunsill, *ai termini* tal-istess artikolu tal-ligi citat mill-appellant, seta' jdum biex jaghlaq l-inkjesta f’perjodu ta' aktar minn sentejn meta d-dewmien mhux ghal raguni jew fatti attribwibbli lill-Kunsill u li l-Kunsill ma kellux tort f'tali dewmien.

L-appellant ighid illi l-Kunsill messu ha decizjoni f’dan ir-rigward jekk xtaq itawwal - b'dan pero’ illi jrid jinghad illi l-Kunsill ma kellux ghalfejn peress illi ma kienx mitlub jaghmel dan in kwantu illi l-appellant ma ressaq ebda oggezzjoni, ilment jew eccezzjoni f’dan il-kuntest. *In ogni caso* - fil-kaz (u hekk hu) illi I-Kunsill Mediku jista' jiggustifika d-dewmien, allura l-**artikolu 31 (4),** bl-eccezzjoni hemmhekk stess maghmula mill-ligi, ma jirrendix il-process wiehed null u bla effett.

**Fil-paragrafu nnumerat (3)** u allura t-tielet aggravju - l-appellant jirritjeni illi I-Kunsill ma kellux gurisdizzjoni jisma' l-kaz mressaq minn Dr. Buhagiar peress illi Dr. Portelli kiteb lil Dr. Buhagiar mhux bhala tabib izda bhala Direttur u CEO tal-Isptar St. Philips.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill appellat filwaqt illi jfakkar illi l-appellant kien qed jirrispondi ghall-akkuza ta' *"mgieba hazina professionali jew etika f’xi rigward"* - jirreferi ghall-**artikolu 2 tal-Att 464 tal-Ligijiet ta' Malta**, u partikolarment it-tifsira tat-terminu "*standards professjonali u etici.* It-tifsira hija wiesa’ u tinkludi dik li ssejjah "*l-imgieba **generali** ta' membru ta' xi professjoni*

*tal-kura medika u tinkludi .................... l-imgieba ta' tali membru lejn membri ohra tal-professjoni tieghu u lejn membri ta' professjonijiet tal-kura medika ohra ......"*

F'dan il-kuntest - il-Kunsill appellat ma kienx qed jiehu decizjoni fil-konfront ta' CEO jew direttur ta' kumpannija kummercjali - izda fuq l-agir tal-appellant bhala tabib. Li huwa jinserta wkoll CEO u Direttur tas-socjeta' kummercjali msemmija hija biss kazwali u fatt inkontestat izda irrelevanti ghall-materja - peress illi altrimenti, membru tal-professjoni, hu min hu, jkun jista' jinheba wara tali titli sabiex jiskapula l-provvedimenti u fejn applikabbli s-sanzjonijiet imposti bil-ligi ghall-ahjar andament tal-professjoni medika.

B'analogija u fl-ambitu legali - avukat li ma jgibx ruhu tajjeb ma' segretarja fl-ufficcju tieghu jirrendi lilu nnifsu sindakabbli minn tribunal jew qrati ordinarji, izda avukat li ma jkunx etikament korrett ma' avukat iehor fid-ditta tal-avukati fejn joperaw il-professjoni taghhom - jirrendi lilu nniffsu mhux biss sindakabbli minn tribunal u qrati lokali, izda anke ghal rapport quddiem il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja fuq rapport ibbazat u msejjes fuq il-Kodici ta' Etika tal-Avukati.

Finalment - ghal dak sollevat mill-appellant f'dan it-tielet aggravju tieghu - in verita' ma kinitx it-tkeccija ta' Dr Buhagiar mill-Isptar illi l-Kunsill kien qed jinvestiga u jiddeciedi dwaru, u dan l-appellant jafu ben tajjeb. <u>Kien l-agir tieghu fil-konfront ta' Dr Buhagiar u jekk dan kienx agir illi jwassal ghal imgieba hazina professionali jew etika f'xi rigward, jew jekk b'dan l-agir naqasx mill-i*standards* professionali u etici tieghu bhala membru tal-professioni medika</u> - li l-Kunsill kien qed jinvestiga u li dwaru ddecieda.

**Fir-raba' paragrafu - allura r-raba' aggravju** - l-appellant jinvoka ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu. Bizzejjed jinghad hawnhekk illi din il-Qorti mhix kompetenti tiddeciedi dwar din il-materja u jekk l-appellant ihoss necessarju, allura kellu jistitwixxi proceduri *ad hoc*.

L-istess jista’ jinghad ghall-**hames aggravju (hames paragrafu)** - fejn l-appellant jilmenta minn nuqqas ta' smigh xieraq. Dak li gara wara bdil ta' membri tal-Kunsill huwa fattur li jigri f’diversi bordijiet u anke addirittura fil-Qrati. Ma jfissirx illi l-membri godda ma jkunux hadu konjizzjoni tal-process u l-inkartament kollu - hekk kif ma jfissirx illi gudikant gdid fil-Qrati ma jkunx ha konjizzjoni tal-inkartament kollu qabel ma jasal ghal decizjoni. Sta mbaghad ghall-gudiknat partikolari illi jsejjah seduta jekk ihoss il-bzonn, u sta wkoll pero` ghall-partijiet illi jitolbu seduta jekk jidhrilhom illi huwa necessarju illi jitrattaw mill-gdid quddiem *bord*/membri/gudikant gdid - haga illi l-appellant ma talabx fil-kors tal-proceduri.

L-**aggravju sollevat fis-sitt paragrafu** huwa bbazat fuq dak allegat mill-appellant illi d-decizjoni hija wahda kondizzjonali u ghalhekk nulla. L-appellant ighid - *"hija decizjoni ta' multa imhallta mat-thassir mir-Registru jew decizjoni ta' thassir mir-Registru kondizzjonata minn hlas ta' multa".*

Qabel xejn illi ssir referenza ghad-*decide* tad-decizjoni appellata. Din hija cara u ma thalli ebda ombra ta' dubju. Il-Kunsill appellat iddeciedi illi jikkundanna lil Dr Frank Portelli biex ihallas il-multa ta' ghaxart elef ewro. Punto u basta. Dik hija s-sanzjoni li l-Kunsill dherlu li kellu jimponi fuq l-appellant ghall-htija misjuba fuq imgieba professjonali skorretta.

Dan maghdud, jigi umilment sottomess illi dan, u allura *ex admissis* mill-istess appellant, jikkonferma illi d-decizjoni hija wahda ta' multa - *dunque* jsegwi dak li ntqal fl-ewwel parti ta' din ir-risposta, *ossai* illi l-appellant ma kellux dritt illi jintavola dan l-appell in kwantu illi appell quddiem il-Qorti tal-Appell jista' jsir biss f'kaz ta' thassir mir-Registru.

Irid jinghad ukoll illi d-*dicitura* tad-*decide* hija cara - huwa biss fin-nuqqas tal-hlas tal-multa imposta ghall-htija (allura tas-sanzjoni) illi jiskatta il-bqija tad-*decide*, li fuq kollox huwa biss riproduzzjoni tal-provvediment fl-**Avviz Legali 38 tas-sena 2009.**

*Dato ma non concesso* l-argument mressaq mill-appellant illi jekk il-hlas ma jsirx, iridu jigu inizjalati proceduri *ad hoc* sabiex isem l-appellant jithassar mir-Registru *ai termini* tal-Avviz Legali hawn fuq msemmi - allura dan imur biex ikompli jikkonferma kemm id-decizjoni tal-Kunsill kienet wahda korretta fl-imposizzjoni tal-multa u li allura ma hemmx decizjoni illi isem l-appellant jithassar mir-Registru, anke f'kaz ta' nuqqas ta' hlas - u isegwi allura dak li ilu intqal aktar 'il fuq, in-nuqqas ta' gurisdizzioni ta' din il-Qorti in kwantu illi ma hemmx decizioni tal-Kunsill ghat-tnehhija mir-Registru ta' isem l-appellant.

In kwantu meta l-appellant jissottmetti illi d-decizjoni *"jidher li hi wahda biex ismu jitnehha mir-Registru"* - din hi premessa zbaljata kif ben muri hawn aktar 'il fuq u kull sottomissjoni tal-appellant li jsegwi minn din il-premessa huwa allura superfluwu.

Dwar is-sottomissjonijiet maghmula fuq l-applikazzjoni retro-attiva tal-**Avviz Legali 38/2009** - u *dato* l-argument tal-istess appellant illi jekk ma tithallasx il-multa, allura jkunu jridu jiskattaw proceduri *ad hoc* ghall-applikabbilta` tar-regolamenti msemmija, allura l-frivolivita` tas-sottomissjoni mressqa mill-appellant.

Ghal dik is-sottomissjoni illi l-Avviz Legali *de quo* huwa null u bla effett - naturalment, l-appellant ghandu rimedji ohra x'jittanta jekk hekk jidhirlu.

In kwantu ghas-**seba' paragrafu/seba' aggravju** - evidentament illi jekk kien hemm zball fin-numru tal-Avviz Legali kkwotat - dak ma jgibx in-nullita` tad-decizjoni. Maghqud ma' dak hawn fuq sollevat u mal-fatt illi jista' jkun necessarju illi sabiex tigi implimentata s-sanzjoni taht il-provvedimenti tal-Avviz Legali jkun jinhtieg proceduri *ad hoc*, allura l-effett ta' dik il-parti tad-*decide* huwa tali illi zball fin-numru tal-Avviz Legali ma jirrendix d-decizjoni nulla u bla effett. Dan kien evidentament *lapsus calami*.

In kwantu ghat-**tmien, d-disa' u l-ghaxar aggravju / tmien, disa u l-ghaxar paragrafi** - dawn huma fil-mertu u partikolarment dwar l-apprezzament tal-provi maghmula

mill-Kunsill, liema apprezzament l-appellant evidentament u ghal ragunijiet ovvji, ma jaqbilx maghhom. Jinghad illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma ghandiex tiddisturba l-appezzament tal-provi maghmul mill-Kunsill. Il-Kunsill, fid-delibarazzjoni tieghu, kellu kull dritt illi jistrieh fuq provi u mhux fuq ohra - bhal ma jigri f'kull kaz iehor meta trid tittihed decizjoni. Imma dak ma jikkostitwixxix aggravju fl-istadju tal-appell. Huma numeruzi s-sentenzi anke ta' din l-Onorabbli Qorti tal-Appell illi jikkonfermaw dan il-punt.

Bl-aggravju tieghu fil-**hdax-il paragrafu**, l-appellant jissottmetti illi l-Kunsill ma seta` qatt jiddeciedi hu akkuza ta' malafama, peress illi r-rimedji f'kaz illi persuna jhoss illi sofra malafama jinsabu quddiem il-Qrati Civili u Kriminali tal-pajjiz - u ghalhekk li *"l-akkuza migjuba kontra l-appellant kienet wahda ta' malafama"* ma setghet qatt tigi deciza mill-Kunsill.

L-appellant ighid illi huwa *"inkontestat"* illi l-akkuza kienet wahda ta' malafama. **Zbaljat l-appellant**. Dan huwa kkontestat - ghaliex l-akkuza ma kinitx ta' malafama. L-appellant irrisponda ghall-akkuza cara u ben spjegata kif naxxenti mill-**Kap. 464** - ossia dik ta' ***"mgieba hazina professjonali jew etika f'xi rigward jew b'xi mod iehor inqast milli tottempra ruhek ma' standars professjonali u etici li japplikaw ghalik (Art. 32 (1) tal-KAP 464)".***

Id-dicitura tal-akkuza mahruga, kif jirrizulta hawn fuq, kienet ghalhekk cara. L-akkuza li ghaliha wiegeb l-appellant kienet anke u addirittura b'referenza ghall-**artikolu rilevanti fil-Kap. 464**. F'dan il-kuntest ghalhekk ma jista' qatt jinghad illi l-process quddiem il-Kunsill Mediku kien biss ezercizzju sabiex iggib id-diminuzzjoni tad-dritt ta' l-espressjoni tal-individwu.

L-appellant ukoll jissottmetti illi l-kwerelant ghazel li jiehu dawn il-passi quddiem il-Kunsill Mediku izda ghazel ma jiehux passi legali civili jew kriminali taht il-ligijiet li jirregolaw il-malafama. Bir-rispett kollu - dik kienet ghazla tieghu li l-Kunsill appellat ma ghandux jirrispondi ghaliha. Sakemm l-ilment quddiem il-Kunsill dahal - il-Kunsill kien

obbligat jinvestiga u jiddeciedi - u l-Kunsill esercita dak id-dritt u obbligu u wasslu sabiex jiedu d-decizjoni appellata.

Imma mhux korrett l-appellant ighid illi l-Kunsill ezercita dritt illi ma ghandux ghaliex iddecieda responsabbilta` ta' malafama *oltre* l-ligijiet tal-pajjiz. Mhux korrett ghaliex anke din l-asserzjoni tal-appellant hija bbazata fuq premessa skorretta - ossia illi huwa rrisponda ghal akkuza ta' malafama, meta kif hawn fuq maghdud, mhux il-kaz, u skorretta wkoll ghaliex l-ezercizzju li ghamel il-Kunsill appellat ma kienx jekk il-kliem tal-appellant kienx jikkostitwixxi malafama fid-dottrina legali skont il-ligijiet tal-malafama tal-pajjiz, izda biss ezercizzju sabiex jara jekk id-diskors mitlub mill-appellant kienx jikkostitwixxi *"mgieba hazina professionali jew etika"* li jwassal ghal nuqqas ta' *standards* professjonali u etici li japplikaw ghall-membri tal-professjoni medika *ai termini* tal-ligi relattiva u l-kodici ta' etika tal-professjoni medika.

L-argumentazzjoni kollha l-ohra li ssegwi mill-appellant fil-hdax-il paragrafu tieghu rigwardanti r-ragunament tal-malafama jsegwi mal-argumenti hawn fuq maghmula u kull argument li l-appellant ittanta jaghmel sabiex jqabbel il-proceduri appellati mal-proceduri ta' malafama taht il-ligijiet ta' Malta jibqa’ ghalhekk wiehed superfluwu.

L-istess jinghad ghal dak li l-appellant isejjah *”l-isprozitu legali”* meta ighid illi l-Kunsill Mediku stabilixxa regim legali ta' malafama bejn it-tobba f'dan il-pajjiz. Bir-rispett kollu, skorrett. B'analogija, meta u jekk principal jaqbad impjegat tieghu jisraq u jkeccih, u l-impjegat jiehu proceduri legali quddiem it-Tribunal Industrijali, li min-naha tieghu jsib illi l-principal kellu raguni valida biex itemm l-impjieg, b'dan ma jfissirx illi t-Tribunal Industrijali holoq *"regime legali"* ta' serq indipendentament u aljen ghall-kompetenzi tal-Qrati Kriminali. Ikun ifisser biss illi fir-regime legali *de quo* - dak industrijali - is-serq ppruvat kien bizzejjed biex jiggustifika t-tkeccija - u *dunque* s-sanzjonijiet li l-ligi industrijali iggib maghha.

L-istess hawnekk - il-Kunsill appellat ma hux qed johloq ebda regime legali gdid ta' malafama - qieghed jara u

jevalwa biss jekk il-kontenut ta' kitba maghmula minn tabib lil u fuq tabib iehor u cirkolata, tistax twassal ghal *"mgieba hazina professjonali ujew etika"* u jekk iva - allura timponi s-sanzjonijiet necessarji.

Ghalhekk ukoll insostenibbli u nfondata s-sottomissjoni maghmula mill-appellant li gie lilu negat *"l-access ghal tribunal imparzjali u indipenenti fid-determinazzjoni tal-fatt kienx hemm malafama jew le*" u dan bi ksur iehor tad-drittijiet fondamentali tieghu.

Mhux minnu u *in linea* mal-argument hawn fuq maghmul fuq it-Tribunal Industrijali - dan jista' jsib tkeccija giusta anke jekk persuna ma jinstabx hati ta' serq quddiem Qorti Kriminali, jew addirittura jekk il-Pulizija ma tiehux passi ghax jidhrilha illi ma ghandiex kaz quddiem il-Qrati fit-termini tal-ligijiet penali, jew addirittura ghaliex il-principal ikun hass illi ma ghandux iressaq ir-rapport quddiem il-Pulizija.

Illi fuq kollox - u jekk hass necessarju illi tribunal imparzjali u independent kellu jiddeciedi jekk kienx hemm malafama jew, l-appellant dejjem kellu rimedju hu illi jistitwixxi proceduri hu ta' <u>jattanza</u> biex jimpugna u jxejjen dak li t-tabib Buhagiar kien qed jghid fuqu - ossia illi mmalafamah. Imma dan qed jinghad dejjem minghajr pregudizzju ghas-sottomissjoni hawn fuq maghmula illi l-Kunsill appellat ma ddecidiex jekk il-kontentut tal-ittra kienx malafamanti jew le, izda biss jekk kienx hemm mgieba hazina jew ksur ta' etika da parti tal-appellant.

In kwantu l-**aggravju tnax** - il-Kunsill appellat jichad kategorikament illi huwa jipprova jew ghandu xi interess jew kellu xi interess jew li bid-decizjoni tieghu -xekkel il-liberta` tal-espressjoni tal-individwu.

L-interess **ewlieni u uniku** tal-Kunsill appellat fi proceduri bhal dawn kien, ghadu u jibqa' biss dak illi jipprotegi l-professjoni medika minn kull agir illegali, unetiku u irresponsabbli fid-dawl tal-ligi u l-etika li tirregola l-professjoni medika u l-membri taghha.

Fuq kollox - jekk l-appellant ihoss illi kellu jew ghandu xi dritt fondamentali tieghu mxekkel - allura jaf ben tajjeb illi dan mhux il-forum adatt ghal tali lmenti u jekk ihoss opportun, ghandu jistitwixxi l-proceduri idoneji.

Ghal dak sottomess fit-**tlettax-il paragrafu** - jigi ripetut u mishuq biss dak li nghad aktar qabel - ossia illi l-malafama fiha nnifisha giet investigata fil-kuntest tal-imgieba professjonali u etika tal-appellant. Mill-bqija, kull argument ulterjuri jkun biss ripetizzjoni ta' dak hawn fuq sottomess.

Ghal dawn ir-ragunijiet u sottomissjonijiet ohra illi jistghu jsiru fil-kors tas-smigh tal-appell, il-Kunsill appellat jitlob bir-rispett illi l-Appell odjern jigi michud u d-decizjoni tal-Kunsill Mediku fil-Kaz MC/D/262 tal-1 ta' Lulju 2009, tigi kkonfermata.

Bl-ispejjes kontra l-appellanti.

Rat l-inkartament ta’ dan il-kaz gie mdahhal fl-atti ta’ din il-kawza fl- 10 ta’ Awwissu 2009.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras datat 20 ta’ Novembru 2009 fejn meta ssejjah l-appell dehru Dr. Frank Portelli assistit mill-Professur Ian Refalo. Dehret Dr. Josette Farrugia ghal Kunsill Mediku assistita minn Dr. Ian Spiteri Bailey. Gie verbalizzat li peress illi din il-Qorti hekk kif presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras kienet diga` ezaminat il-fatti sottostanti f’din il-kawza fil-proceduri ohra fl-ismijiet **“Dr. Louis Buhagiar vs Saviour Balzan”** deciza fil-11 ta’ Jannar 2006 iddikjarat li ma jidhirx opportun u fl-ahjar interess tal-appellanti illi l-Qorti kif presjeduta titratta u tiddeciedi l-appell prezenti. Il-Qorti hassitha ghalhekk fid-dmir li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ dan l-appell, u irrimettiet l-atti lura lir-Registratur tal-Qorti biex dan jassenjah lil Gudikant iehor. Il-Qorti ordnat li dan l-appell jithassah minn fuq il-lista tal-appelli taghha.

Rat ir-rikors tal-appellant Dr. Frank Portelli datata 20 ta’ Novembru 2009 a fol 28 tal-process fejn talab li l-Qorti

tordna l-korrezzjoni tar-rikors tal-appell fl-ismijiet premessi u dan fis-sens illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-esponenti jigi ndikat bhala **514744 (M)** minflok 748347 (M) u dan salv kull provvediment li jidhrilha xieraq u opportun, tordna l-korrezzjoni tar-rikors tal-appell fl-ismijiet premessi u dan fis-sens illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-esponenti jigi ndikat bhala 514744 (M) minflok 748347 (M).

Rat id-digriet tal-20 ta' April 2010 fejn irrevokat *contrario imperio* d-digriet tad-9 ta' Dicembru 2009 fejn kienet ordnat in-notifika tal-istess rikors u laqghet it-talba ghal tali korrezzjoni

Rat is-surroga maghmula mis-Sinjoria Tieghu l-Onorevoli Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano datata 26 ta' Novembru 2009 fejn din il-Qorti kif kif presjeduta giet assenjata sabiex tisma' dan l-appell u konsegwentement din il-Qorti kif attwalment presjeduta rriappuntat dan l-appell ghas-smigh ghas-seduta tat-13 ta' Jannar 2010 kif jidher bid-digriet moghti fid-9 ta' Dicembru 2009.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-13 ta' Jannar 2010 fejn meta ssejhet l-appell deher l-appellant assistit minn Dr. Stefan Frendo u Dr. Josella Farrugia asisstita minn Dr. Ian Spiteri Bailey. Id-difensuri tal-partijiet trattattaw il-kaz u talbu li jaghmlu nota ta' referenzi. Il-Qorti laqghet it-talba u pprifeggiet terminu ta' tletin (30) gurnata ghall-istess noti bin-notifiki relattivi kif indikat fl-istess digriet. L-Appell gie differit ghad-decizjoni ghad- 29 ta' April 2010.

Rat in-nota ta' referenza u d-dokumenti esebiti tal-appellant Dr. Frank Portelli datata 12 ta' Frar 2010 a fol 34.

Rat in-nota tal-appellat Kunsill Mediku b'risposta ghan-nota ta' referenza tal-appellant Dr. Frank Portelli datata 16 ta' Marzu 2010 a fol 41 tal-process.

Rat l-atti kollha relattivi nkluz l-process relattiv in konnessjoni mad-decizjoni tal-Kunsill Mediku fil-Kaz MC/D/262 tal-1 ta' Lulju 2009 mertu ta' dan l-appell.

Rat l-istess decizjoni tal-Kunsill Mediku fil-Kaz MC/D/262 tal-1 ta' Lulju 2009 fl-ismijiet premessi.

Rat id-digriet tal-15 ta’ April 2010 fejn il-Qorti ordnat ir-rikjam tal-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tas-27 ta’ April 2010 .

Rat li d-difensuri tal-partijiet taw ruhhom notifikati ghall-patrocinati taghhom rispettivi bid-digriet tar-rikjam tal-kawza ghas-27 ta’ April 2010.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-partijiet inkluzi dawk sottomessi quddem din il-Qorti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-appell odjern.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-Qorti ghandha quddiemha appell kontra l-Kunsill Mediku u dan wara li, fil-Kaz MC/D/262 permezz tad-decizjoni tieghu tal-1 ta’ Lulju 2009, sab lill-appellant hati ta’ malafama fil-pubbliku kontra t-Tabib Louis Buhagiar

Illi mill-atti pprezentati jirrizulta li kien sar ilment kontra l-appellant mit-Tabib Louis Buhagiar li *inter alia*, hassu malafamat wara li ittra illi baghtlu l-appellant fis-16 ta’ Lulju 2003 li giet mibghuta wkoll lill-Assocjazzjoni Medika Maltija (MAM) u lil membri ohra tal-professjoni medika.

Illi jirrizulta illi t-Tabib Buhagiar ressaq ilment quddiem il-Kunsill appellat fejn qal li *“… l-iskop ahhari tal-istess ittra huwa sabiex lill-mittenti [Dttr Buhagiar] inaqqaslu l-gieh u l-unur tieghu fil-kamp mediku bil-konsegwenza li ma jigix riferut lilu aktar xoghol.”* Permezz tat-tieni ittra tieghu, Dr. Buhagiar talab lill-Kunsill appellat jinvestiga l-fatt li bhala azzjonist, bhala CEO u bhala wiehed mill-specjalisti fl-istess sptar, l-appellant kellux kunflitt ta’ interess li jmur kontra l-etika professjonali u li ghalhekk kien qed jippregudika lil Dr. Buhagiar. Jirrizulta mill-atti li l-ilment ta’

Dr. Buhagiar quddiem il-Bord tqajjem anke wara li fil-5 ta' Ottubru 2003 dehret intervista f'wiehed mill-gurnali lokali mal-appellant fejn spjega li Dr. Buhagiar kien zamm flus ghalih dovuti lill-isptar St. Philip's, li l-istess Dr. Buhagiar kien ghamel *overcharging* lill-pazjenti tieghu u li ghalhekk tellef xoghol lill-isptar, u li l-istess Dr. Buhagiar kellu klinika ohra tieghu. Jirrizulta illi ftit jiem wara u cioe` fid-9 ta' Ottubru 2003, f'gurnal iehor lokali, deher artikolu iehor dwar l-istess kwistjoni fejn gie fost ohrajn kkwotat l-appellant Dr. Frank Portelli dwar id-difiza tieghu quddiem il-Kunsill Mediku.

Illi mill-atti jirrizulta illi fil-laqgha tal-15 ta' Lulju 2005 quddiem il-Kunsill Mediku, il-Kunsill Mediku ordna li tinfetah inkjesta kontra l-appellant bl-akkuza ta' mgieba hazina professjonali jew etika jew li naqas li jottempra ruhu mal-i*standards* professjonali u etici li japplikaw ghalih skont l-**artikolu 32 (1) tal-Att Dwar il-Professjonijiet tas-Sahha (Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta),** u dan wara l-akkuza min-naha ta' Dttr Buhagiar, li qed tigi riprodotta hawn taht u cioe` illi:-

*"(i) inti [l-appellant] ghamilt allegazzjonijiet malafamanti fil-pubbliku u fil-konfront ta' Dr Buhagiar;*

*(ii) li l-iskop ahhari tal-ittra tas-16 ta' Lulju 2003 lil Dr Buhagiar, lill-Assocjazzjoni Medika Maltija, lil diversi membri tal-professjoni medika u tal-professjonijiet ancillari ghal dik medika, kien li lil Dr Buhagiar jitnaqqaslu l-gieh u l-unur tieghu fil-kamp mediku bil-konsegwenza li ma jigix riferut lilu aktar xoghol, f'liema ittra inti [l-appellant] avanzajt allegazzjoniet infondati;*

*(iii) li inti [l-appellant] bhala azzjonista u Chief Executive Officer fl-isptar St. Philip's meta fl-istess waqt qieghed tipprattika l-professjoni medika tieghek fl-istess lokalita` u dan bi ksur tal-ispirtu tal-Kodici ta' Etika ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet Ancillari."*

Illi kien inghad iktar 'il fuq il-Kunsill appellat iddecieda billi rrespinga  l-akkuza ta' konflitt ta' interess, u sab lill-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet l-ohra dedotti

kontra tieghu, u cioe`, ta' allegazzjonijiet dwar malafama u li l-iskop ahhari tal-ittra tas-16 ta' Lulju 2003 lil Dr. Louis Buhagiar biex jaghrfu li kien sospiz mill-isptar li kopji taghha intbaghtu lill-MAM u lil membri ohra tal-professjoni medika, kien li Dr. Buhagiar jitnaqqaslu l-gieh u l-unur tieghu fil-kamp mediku bil-konsegwenza li ma jigix riferut lilu aktar xoghol, iktar u iktar meta l-allegazzjonijiet ma gewx ippruvati.

Illi jirrizulta li konsegwentement il-Kunsill Mediku fid-decizjoni tieghu ordna lill-appellant sabiex ihallas il-multa ta' ghaxart elef wwro (€10,000) u fin-nuqqas li jsir dan fi zmien tliet xhur mid-data tad-decizjoni, li isem jitnehha mir-Registru skont **paragarafu 3 tar-Regolamenti tal-2009 dwar Penali Imposti mill-Kunsill Mediku (Avviz Legali 38 tal-2009).**

Illi l-appellant qieghed iressaq dan l-appell skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 36 (4) tal**-**Att Dwar il-Professjonijiet tas-Sahha (Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta**). Irid jinghad, li fid-dawl tar-risposta tal-Kunsill Mediku appellat, li qabel jigu trattati l-aggravji mressqa mill-appellant, din il-Qorti trid l-ewwel tara jekk fil-fatt l-appellant setax jressaq dan l-appell quddiemha u dan dejjem skont id-disposizzjonijiet tal-istess Att u allura l-ewwel li jrid jigi deciz huwiex jekk fil-kaz in ezami l-appellant ghandux skont il-ligi dritt li jinterponi appell quddiem din il-Qorti, u jekk din il-Qorti ghandhiex kompetenza li tisma' dan l-appell kif interpost u dan fil-fatt huwa l-ewwel aggravju tal-Kunsill Mediku appellat, li qed isostni li l-appell tal-appellant odjern lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha odjerna, huwa null u bla effett u dan peress li din il-Qorti m'ghandhiex l-gurisdizzjoni u l-kompetenza li tiehu konjizzjoni ta' dan l-appell, ghaliex skont l-istess disposizzjonijiet hemm citati tal-**artikolu 36,** hemm dritt ta' appell quddiem din il-Qorti biss fil-kaz li l-Kunsill Mediku fid-decizjoni tieghu jiddeciedi li isem xi persuna ghandu jigi kancellat mir-registru adatt, li l-istess Kunsill appellat jikkontendi li mhux il-kaz odjern, peress li d-decizjoni tieghu tal-1 ta' Lulju 2009 fil-konfront tal-appellant, ma' ordnatx il-kancellament ta' isem l-appellant mir-registru msemmija, izda ordnat li l-appellant ihallas is-

somma ta' €10,000, u huwa biss li jekk l-appellant jonqos li jhallas l-istess somma fit-terminu moghti fl-istess decizjoni ta' tlett xhur, li allura ghandu jitnehha l-isem ta' appellant mir-registru relattiv, u dan b'applikazzjoni **tal-Avviz Legali 38 tal-2009.**

Illi sabiex jigi ezaminat dan l-aggravju din il-Qorti tirreferi ghall-**artikolu 36 tal**-**Att Dwar il-Professjonijiet tas-Sahha (Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta**) li jipprovdi lill-persuna li tkun tressqet quddiem il-Kunsill Mediku ghal dritt ta' appell quddiem din il-Qorti u hemm hija spjegata l-procedura li trid tigi segwita kemm min-naha tal-Kunsill Mediku kif ukoll min-naha tal-appellant.

Illi l**-artikolu 36 (1)** jipprovdi li meta l-Kunsill Mediku jistabbilixxi li isem xi persuna ghandu jkun kancellat mir-Registru adatt, ir-registratur tal-Kunsill rispettiv ghandu, fi zmien erbatax-il jum mill-gurnata meta tittiehed id-decizjoni jinnotifika lill-persuna li isimha ghandu jigi kancellat. Il-Kunsill ghandu l-obbligu wkoll skont dan is-subinciz illi fi zmien wiehed u ghoxrin (21) gurnata, jaghti avviz ta' dan lill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru.

Illi min-naha tal-persuna illi isimha jkun gie deciz illi ghandu jigi kkancellat, hija ghandha dritt ta' appell quddiem din il-Qorti u t-terminu koncess lilha huwa ta' wiehed u ghoxrin gurnata **(artikolu 36 (4))**.

Illi l-**artikolu 36** jipprovdi wkoll li d-decizjoni tal-Kunsill Mediku tibda' ssehh biss meta jghaddi t-terminu ghal appell jekk ma jsirx appell, jew jekk isir appell suggett ghal dawk il-modifiki,  wara li l-appell jigi deciz.

Illi minn qari akkurat tal-istess disposizzjonijiet jidher ghalhekk li filwaqt li permezz tal-**artikolu 32 tal-Kap. 464**, il-Kunsill Mediku inghata s-setgha li jinvestiga kull allegazzjoni hemm deskritta ta' mgieba hazina professjonali jew ta' ksur ta' etika minn professjonist fil-kura medika taht is-sorveljanza tieghu, u filwaqt ukoll illi l-Kunsill Mediku inghata s-setgha illi jiehu passi dixxiplinari varji **(artikolu 32(1))** kif kontemplati fl-istess Att, minn naha l-ohra jidher li l-legislatur, permezz tal-**artikolu 36**

**(1),** li ikkwalifika d-dritt ta' appell quddiem din il-Qorti u effettivament illimita dan id-dritt ta' appell biss ghal dawk l-okkazzjonijiet fejn il-Kunsill Mediku iddeciedi li isem professjonist mediku ghandu jkun ikkancellat mir-registru skont l-**artikolu 32** u l-**artikolu 38 tal-Kap. 464**.

Illi konsistenti ma' dan jinghad li effettivament l-**artikolu 36 (4) tal-Kap. 464** jipprovdi terminu ta' wiehed u ghoxrin (21) gurnata jekk trid il-persuna tipprocedi b'appell quddiem din il-Qorti, liema terminu ghandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-avviz, avviz illi l-istess artikolu jimponi fuq il-Kunsill Mediku l-obbligu li jibghat lill-persuna koncernata, meta jkun fil-konfront taghha fl-istess decizjoni ordni ta' kancellament tal-isem taghha minn fuq ir-registru.

Illi minn dan jidher car illi dan id-dritt ta' appell quddiem din il-Qorti skont it-termini tal-**artikolu 36 tal-Kap. 464** jezisti biss fil-kaz u fl-eventwalita` illi l-Kunsill Mediku fid-decizjoni tieghu jiddeciedi li isem ta' persuna jithassar mir-registru relattiv indikat fl-istess Att.

Illi applikata l-ligi ghall-kaz in ezami u kif diga` gie indikat iktar 'il fuq, l-Kunsill Mediku appellat fid-dezijoni tieghu tal-1 ta' Lulju 2009 ordna lill-appellant jhallas penali ta' ghaxart elef ewro (€10,000) u mhux illi jigi kkancellat isem tal-istess appellant mir-Registru. Fil-fatt l-Kunsill Mediku appellat fid-decizjoni tieghu jghid li jekk l-appellant jonqos milli jhallas dik il-penali fi zmien tliet xhur mid-data meta tigi imposta dik tad-decizjoni biss, l-isem l-appellant jigi kancellat mir-Registru u dan skont **Regolament 3 tar-Regolamenti tal-2009 dwar Penali Imposti mill-Kunsill Mediku**.

Illi ghalhekk id-*decide* tal-istess decizjoni tal-Kunsill Mediku tipprovdi essenzjalment li l-appellant li nstab hati tal-akkuzi hemm indikati fl-istess divizjoni gie effettivament ikundannat li jhallas l-penali hemm indikata, u huwa biss fin-nuqqas *da parte* tal-istess appellant li jhallas tali penali fiz-zmien hemm lilu moghti fl-istess decizjoni, li l-isem tieghu jigi kkancellat mir-registru msemmi, u dan in forza tal-Avviz Legali li ghalih saret riferenza fl-istess decizjoni.

Illi ghalhekk dan ifisser li l-kancellament tal-isem tivverifika ruhha meta u biss jekk l-appellant jonqos milli jottempra ruhu mal-ewwel parti tad-*decide* u cioe` illi jhallas il-multa ordnata lilu u allura huwa n-nuqqas ta' l-appellant stess li jaderixxi ruhu mad-decizjoni dwar il-hlas ta' penali li jwassal ghat-thassir tal-isem l-appellant mir-registru relattiv, u dan anke skond id-decizjoni tal-Kunsill Mediku konsegwenza ta' dak li tipprovdi l-ligi.

Illi dan huwa wkoll accettat mill-appellant innifsu fejn addirittura f'paragrafu numru 6 tar-rikors tieghu, iressaq aggravju imsejjes proprju fuq il-fatt illi d-decizjoni tal-Kunsill hija soggetta ghal kundizzjoni. Fil-fatt huwa jippremja dan l-aggravju tieghu fuq l-allegazzjoni li d-decizjoni hija wkoll nulla u bla effett peress li id-decizjoni hija dik *"ta' multa imhallta mat-thassir mir-Registru jew decizjoni ta' thassir mir-Registru kondizzjonata minn hlas ta' multa…."*

Illi ghalhekk tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Kunsill Mediku appellat huwa korrett fit-tezi tieghu illi l-appellant ma setghax iressaq appell quddiem din il-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi, u li allura din il-Qorti kif komposta ma ghandiex il-kompentenza u l-gurisdizzjoni li tisma` l-appell interpost mid-decizjoni tal-Kunsill Mediku kif moghtija fl-1 ta' Lulju 2009, u dan peress li d-*decide* tal-istess ma taqax fil-parametri tal-Ligi li tahtha jista' jsir appell quddiem din il-Qorti skont id-disposizzjonijiet appositi tal-**artikolu 36 tal-Kap. 464.**

Illi dan ma jfissirx li l-appellant ma ghandux jew ma kellux rimedji ohra wkoll bhala dawk ta' stharrig gudizzjarju *ai termini* tal-**Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jew anke rimedji ohra li jista' jkun ghadhom disponibbli lilu quddiem organi gudizzjarji ohra (f'dan is-sens **Jane Cini et vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp** (A.I.C. – 27 ta' Marzu 2003); **Mario Camilleri vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp** (A.I.C. – 28 ta' Ottubru 2002); **Salvu Sciberras vs L-Awotirta tal-Ippjanar** (A.C. (Inf.) – 24 ta' Marzu 2003)), izda mhux quddiem din il-Qorti,

ghaliex il-kompetenza taghha hija dik limitata skont id-disposizzjonijiet appositi tal-**Kap. 464.**

Illi dan jista' japplika wkoll ghal uhud mill-aggravji li ressaq l-appellanti li huma wkoll ta' natura kostituzzjonali fejn hemm allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem (anke dwar l-aspett tar-retroattivita' tal-applikazzjoni tal-ligi ) jew ta' natura amministrattiva. Illi fil-kuntest pero' ta' l-appell kif interpost quddiem din il-Qorti skont id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 464** jirrizulta li fil-kuntest tad-decizjoni moghtija mill-Kunsill Mediku, ma jirrizultax li l-appellanti ghandu dritt ta' appell skont l-istess **Kap. 464** quddiem din il-Qorti.

Illi ghalhekk la darba gie milqugh l-ewwel aggravju tal-Kunsill Mediku appellat, u la darba din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza u gurisdizzjoni li tisma' l-appell kif interpost skont id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 464,** b'dan li tali appell quddiem din il-Qorti kif komposta ma setax isir, u ghalhekk dan irendi l-istess appell improponibbli quddiem din il-Qorti, din il-Qorti ma tistax tipprosegwi bl-aggravji l-ohra mressqa mill-appellanti quddiemha u ghalhekk fil-waqt li tiddikjara l-istess appell tal-appellanti kif propost bhala improponobbli quddiem din il-Qorti fil-kompetenza taghha odjerna, tiddikjara l-istess appell bhala null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ghar-ragunijiet hawn moghtija.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa' l-ewwel aggravju tal-Kunsill Mediku appellat kontenut fir-risposta tal-appell tieghu datata 4 ta' Awissu 2009, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Dr. Frank Portelli fir-rikors tal-appell tieghu datat 16 ta' Lulju 2009** *stante* li l-istess appell huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi kif hawn deciz.

Bl-ispejjez ta' dan l-appell a karigu tal-appellanti Dr. Frank Portelli.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------